MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2009

Avviz Numru. 540/2003

**Brands International Limited gja Charles Mercieca & Co. Ltd u dan skond digriet tal-25 ta’ Mejju 2005**

**Vs**

**Malta Yacht Manufacturing Ltd**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lil dik attrici s-somma ta’ €7459.42 li bir-rata odjerna jammontaw ghal tlett elef u mitejn u disghin lira Maltin (Lm3290) rapprezentanti, prezz ta’ merkanzija lis-socjeta’ konvenuta mibjugha u kkonsenjata li baqghet ma thallsetx.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta l-ittra nterpellatoja datata 20 ta' Settembru 2003 u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data ta' l-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici (fol 11 tal-atti) u li biha giet ridotta t-talba in esami ghal €4079.30 li bir-rata odjerna jammontaw ghal elf u seba' mija u disgha u tletin Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1739.50) bl-imghax mid-9 ta' Jannar 2004.

Rat id-digriet hawn fuq imsemmi a fol 16 ibid.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta (fol 20 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi fl-ewwel lok u fil-mertu, l-ammont mitlub mis-socejta' attrici mhux dovut stante illi l-merkanzija ossija injam li gie mibjugh lis-socjeta' konvenuta kien gie ritornat ftit wara l-konsenja, lill-istess socjeta' attrici;
2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, jekk is-socjeta' konvenuta zammet ftit mill-merkanzija surreferita, din zgur ma tammontax ghas-somma pretiza mis-socjeta' attrici u ghalhekk in ogni kaz l-ammont mitlub huwa eccessiv;
3. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' attrici ghad trid tipprova kif waslet ghall-ammont minnha pretiz;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 51 ibid.

Ikkunsidrat

Illi Charles Mercieca (fol 22 et seq ibid) il-'managing director' tas-socjeta' attrici, xehed, permezz ta' "affidavit" illi s-socjeta' attrici kienet bieghet u kkonsenjat li dik konvenuta, rappresentanta minn Peter Muscat u Ken Donaldson, injam uzat fil-kostruzzjoni ta' "catamaran". F'inkontru li kien sar, l-imsemmi Peter Muscat kien informa lis-socjeta' attrici illi "… ma setax ihallas peress

illi, dawk li ordnaw katamaran minghandu kien waqghu lura fil-pagamenti u ghalhekk is-socjeta' konvenuta ma kienetx f'posizzjoni li thallasna". Inoltre l-istess Peter Muscat kien wieghed illi "… hekk kif isir il-pagament relattiv minn barra … ahna konna ser nithallsu". In sostenn ta' dan, ix-xhud esebixxa diversi dokumenti fosthom dak a fol 24, a fol 27 u fol 29 ibid. Inoltre, pendenti din il-kawza is-socjeta' konvenuta kienet irritornat lura xi merkanzija cjoe parti mill-injam li ma kienx intuza minnha u dwar dan il-fatt, oltre li dan kien gie accettat lura, kienet inharget, ukoll, "credit note". Din kienet ir-raguni l-ghaliex it-talba originali kienet giet ridotta skond kif jidher minn nota a fol 11 ibid, gja msemmija. Konsegwentement, l-ammont li ghadu hu dovut hu dak kif specifikat fl-istess nota ta' riduzzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-imsemmi Peter Muscat (fol 41 et seq ibid) spjega illi s-socjeta' konvenuta kienet tibni dghajjes u inkarigat mill-ordni u xiri ta' materjal, ghal dan il-ghan, kien Ken Donaldson. L-istess socjeta' konvenuta kienet irceviet ordni minn ditta Ingliza sabiex jinbnew zewg dghajjes u Ken Donaldson in konnessjoni ma' din l-ordni kien ordna "plywood" f'okkazjonijiet differenti, ammontanti ghal madwar €50,000/€60,000. Eventwalment gara illi s-socjeta' konvenuta ma kienetx thallset mis-socjeta estera ghax-xoghol esegwit u komplut u ghalhekk gie ritornat lura lis-socjeta' attrici "the plywood already delivered" u li skond hu kellu valur ta' madwar €7,000. Ix-xhud spicca billi qal illi hu, personalment, ma kien jaf xejn dwar il-'credit note' msemmija minn Charles Mercieca fix-xhieda tieghu. Inoltre, is-socjeta' konvenuta ma kienetx thallset ghax-xoghol li esegwit fuq ordni tas-socjeta estera.

Ikkunsidrat

Illi, esaminati l-provi rilevanti ghal dan il-kaz, kif hawn fuq sintetizzati. Ma ghandu jkun hemm ebda dubbju illi l-ammont kif ridott hu dovut mis-socjeta' konvenuta.

Illi, apparti x-xhieda ta’ Charles Mericeca, kif hawn fuq riportata, hu kien spjega illi s-socjeta’ konvenuta “.. kellha zewg ‘accounts’ maghna, wiehed fil-valuta ta’ Lira Maltija (Dok CM3 a fol 27 ibid) u l-iehor fil-valuta ta’ l-ewro” (Dok CM4 a fol 28 ibid).

Din il-kawza tinvolvi biss it-tieni kont imsemmi waqt li in rigward l-ewwel wiehed kienet giet di gja deciza, finalment, il-kawza l-ohra relattiva ghal dan il-kont, kif jidher mis-sentenza finali esebita a fol 31 et seq ibid. Fil-kaz deciz, kien gie eccepit mill-istess socjeta’ konvenuta illi l-ammont dovut (?) huwa esagerat u mhux dovut ukoll illi s-socjeta’ konvenuta, “… ma hijiex il-legittima kontradittur peress li ma kienetx hi li ghamlet l-ordinijiet minghand is-socjeta’ attrici “… izda kien certu Donaldson li ma ghandux ir-rappresentanza tal-kumpanija”. F’dan ir-rigward jimmerita illi per accenn ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell dwar it-tieni (2) eccezzjoni msemmija cjoe “Fil-fehma ta’ din il-Qorti, l-appell interpost ma jimmeritax attenzjoni fit-tul. Dan anke ghaliex tqisu ghal kollox frivolu u vessatorju, intiz semplicement biex jiddelinja, bla ebda raguni konkreta il-hlas dovut lis-socjeta’ konvenuta”. Dan li gahdu kemm gie citat hu sufficjenti sabiex il-kaz in desamina, dak li xehed Peter Muscat ma jigix emmnut u ghalhekk, jigu respinti l-eccezzjonijiet sollevati mill-istess socjeta’ konvenuta.

Ikkunsidrat

Illi, minn naha l-ohra, dak li xehed Chalres Mercieca jimmerita li jigi konsiderat bhala kredibbli fis-sens illi, l-ammont kif ridott, ghadu dovut sallum in rigward il-kont in esami.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ t-talba attrici kif ridotta u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta’ €4070.30 (Lm1739.50) bl-imghax legali mid-9 ta’ Jannar 2004 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-20 ta’ Settembru 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------